MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Numru. 616/2012

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Aman Abdulkader Adem, iben Abdulkader, imwieled l-Eritrea fit-12 ta' Novembru, 1977, karta ta' l-identita numru 68230A

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-12 ta' Ġunju, 2012 għal ħabta tal-11.00 a.m. ġewwa Tavern Bar, Xatt il-Mollijiet, Marsa mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed f'perikolu ċar il-ħajja ta' Solomon Emiru Taye kkaġunalu feriti ta' natura gravi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-feriti li ġarrab Solomon Emiru Taye huma ta' natura ħafifa.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' feriti ta' natura ħafifa.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati li kkawża feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Solomon Emiru Taye. Rat l-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------